**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 5 – 5 ta' Ġunju 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 5. Il-laqgħa bdiet fis-6.40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator, Dr. Massimo Ellul, il-Perit tal-Kunsill Charles Buhagiar, u l-Accountant tal-Kunsill Paul Bugeja. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill kellu żewġ settijiet ta' minuti x' japprova, il-minuti ta' Agenda 3 u l-minuti ta' Agenda 4. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsilliera jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

1.2. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Agenda 3 u Agenda 4 jiġu approvati hekk kif imressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati b' mod unanimu (18).

**2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI**

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-minuti ta' Agenda 3, punt 2.7. Is-Sindku qal li b' sodisfazzjon jinnota li bdiet il-ħidma minn diversi Kunsilliera fid-dekasteri tagħhom.

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li sar kuntatt mis-Segretarju Eżekuttiv mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi dwar il-vakanza ta' librara. Is-Sindku spjega li skond l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment inħarġet sejħa fuq il-gazzetta tal-gvern. Wara li tagħlaq din is-sejħa jitwaqqaf bord tal-għażla li jkun fih bħala membri s-Sindku, il-Kunsillier responsabli mill-Librerija Pubblika, u rappreżentant tad-Dipartiment u s-Segretarju Eżekuttiv ex-officio.

2.3.1. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jagħmel kjarifika dwar artiklu li deher fuq l-orizzont li kien 'misleading' ħafna. Il-Kunsillier Aquilina qal li kien urtat ħafna b' dan l-artiklu u qal li meta ttieħdet il-votazzjoni fil-laqgħa numru 4, il-Kunsilliera vvutaw għar-residenti u xejn aktar. Il-Kunsillier Aquilina kompla jgħid li huwa ma setgħax jagħmel vot ta' fiduċja meta huwa ma kienx preżenti qabel, u r-responsabiltà trid tittieħed minn dawk il-Kunsilliera li ħadu d-deċiżjoni oriġinali. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa kien responsabli mill-ewwel ta' April il-quddiem.

2.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li l-Kunsill ma kellu l-ebda kontroll fuq dak li jidher fil-gazzetti. Is-Sindku kompla jgħid li ħafna drabi l-media tinterpreta l-affarijiet kif trid hi filwaqt li jaqbel li kulħadd huwa responsabli tat-termini li fihom kien fil-Kunsill u d-deċiżjonijiet li ttieħdu fit-12 ta' April ittieħdu flimkien mill-Kunsilliera kollha.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab li jkun hemm sospensjoni fl-Agenda u tinbidel l-ordni tal-laqgħa sabiex isir punt numru 5 u 6 tal-Agenda. Kien hemm qbil dwar dan.

2.5. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat fis-6.50pm sabiex il-Perit tal-Kunsill, Charles Buhagiar jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu dwar Vjal il-Ħelsien. Il-laqgħa tkompliet fit-8.30pm.

## 5. VJAL IL-ĦELSIEN

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spejga li fi stadju ta' kumitat ġew diskussi punti 5 u 6 tal-Agenda dwar Vjal il-Ħelsien u t-toroq ta' Ħal Mula fejn il-Kunsill kien assistit mill-Perit Charles Buhagiar. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li saru fi stadju ta' kumitat u wara li sema' r-relazzjoni li saret mill-Perit Buhagiar, u wara ġew preżentati r-rapporti tal-ġeoloġisti dwar il-fissura li nstabet fil-blat, is-Sindku kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jaħtar kumitat li jkun magħmul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Aquilina, il-Perit tal-Kunsill u l-Avukat tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi mħejji parir tekniku-legali fejn jiġu stabiliti r-responsabilitajiet legali tal-Kunsill f' din il-materja u jirraporta lura sabiex il-Kunsill ikun jista jieħu deċiżjoni dwar l-azzjoni li se jieħu fuq Vjal il-Ħelsien. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġieta approvata b' mod unanimu (19).

## 6. TOROQ ĦAL MULA

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li l-Kunsill iddiskuta fit-tul is-sitwazzjoni u l-iskambju tal-emails li kien hemm mal-kuntrattur, il-Kunsill kien qiegħed jiddeċiedi li s-Segretarju Eżekuttiv jerġa' jikteb lill-kumpanija Bonnici Bros fejn jitlob skeda tax-xogħolijiet aktar dettaljata u kompluta għax s'issa dan kien għadu ma sarx. L-iskeda kellha tinkludi l-progress ġurnata b' ġurnata tax-xogħolijiet fuq it-toroq kollha. Is-Sindku kompla jgħid li wara li l-Kunsill jingħata din l-iskeda dettaljata tintalab laqgħa oħra bejn id-delegazzjoni tal-Kunsill u l-kuntrattur biex jiġi diskuss u finalizzat ftehim mal-kuntrattur. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġieta approvata b' mod unanimu (20).

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-ittra li l-Kunsill qabel li tinkiteb lill-Prim Ministru sabiex l-iskola tal-gvern ta' Ħaż-Żebbuġ tgħaddi f' idejn il-Kunsill Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista jibda jaqdi d-doveri ta' solidarjetà soċjali li l-liġi stess tirrikjedi li l-Kunsill jagħmel. Is-Sindku Alfred Grixti qara r-risposta tal-Prim Ministru fejn dan informa lill-Kunsill li l-iskola sekondarja tas-subien ġewwa Ħaż-Żebbuġ kienet se tibqa' tintuża bħala skola għat-tlett snin li ġejjin imma li se tilqa' fiha wkoll studenti mill-iskola primarja.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti ddikjara li huwa ddiżappuntat ħafna b' din it-tweġiba għal fatt li l-awtoritajiet edukattiv ħa jibqgħu għaddejjin bil-pjanijiet tagħhom li l-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ tibqa tintuża bħala 'reliever school'.

3.3. Il-Kunsillier George Cortis ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru u jressaq l-argumenti tiegħu direttament lilha.

3.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jrid li jirreġistra f' isem il-Kunsill in-nuqqas ta' qbil u d-diżappunt billi tintbagħat ittra u fl-istess ħin tintalab li ssir laqgħa mal-Ministru.

3.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius saħaq fuq l-importanza li ġewwa Ħaż-Żebbug ikun hemm Dar tal-Anzjani u *child care centre*. Il-Kunsillier George Cortis qal li l-ħidma fuq dawn l-inizjattivi ma kienitx bdiet issa u ftit xhur qabel l-elezzjoni hu, flimkien mas-Sindku, kienu qed jaħdmu ħafna fuq l-idea ta' Dar tal-Anzjani għaż-Żebbuġin u saħansitra saret laqgħa mall-Ministru l-Onor. Dr. Joe Cassar u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Mario Galea. Il-Kunsillier Cortis qal li għalkemm il-laqgħat li saru ma kienux issarfu f' affarijiet konkreti, ix-xogħol fuq dawn l-ideat ma bdewx illum ma' dan il-Kunsill iżda qabel.

3.6. Il-proposta tal-Kunsillier George Cortis tressqet għall-vot. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-proposta ġiet approvata b' mod unanimu (21).

**4. VOT TA' FLUS**

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Roderick Aquilina

L-iskeda tal-pagamenti ġieta approvata (21).

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat sabiex l-*accountant* tal-Kunsill is-sur Paul Bugeja, jagħti preżentazzjoni dwar l-*audited accounts*. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.55pm.

4.4. Il-laqgħa tkompliet fid-9.50pm.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq proposta sabiex l-*audited accounts* jiġu approvati hekk kif ippreżentati mill-*accountant* tal-Kunsill. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Roderick Aquilina

L-*audited accounts* ġew approvati (22).

**7. ĦATRA TAL-BORD TAL-EVALWAZZJONI U AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDERS**

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fuq dan il-punt kien hemm qbil bejn iż-żewġ naħat politiċi. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għan-naħa tal-Kunsilliera li tirrapreżenta l-Partit Laburista huma kienu qed jipproponu;

L-ex Viċi Sindku Paula Marie Valletta
Sur Philip Schembri
Dr. Stefan Vella

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li huwa kien iċċekja mad-Direttur Generali tal-Kuntratti ħalli jara kienx hemm kunflitt ta' interess jekk jiġi magħżul membru fuq dan il-bord li jokkupa kariga għolja fiċ-ċivil. Ir-risposta kienet li d-Dipartiment tal-Kuntratti kienet li jippreferixxu persuni li ġejjin miċ-Ċivil.

7.3. Is-Sindku kompla jgħid li skond il-manifest li ġew eletti fuqu huma kienu qed jinnominaw lis-sur Joe Cutajar u s-sur Joseph Bongailas bħala rappreżentanti tal-pubbliku fuq dan il-bord.

7.4. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa kien qed jinnomina lin-Nutar Philip Ellul.

7.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li kien qiegħed jiġi nominat ukoll is-sur Anton Micallef. Il-Kunsillier Aquilina qal li sal-laqgħa li ġejja kien se jressaq l-isem ta' membru tal-pubbliku.

7.6. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tiltaqa' ma' dawn il-persuni sabiex tkun taf min huma.

7.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ismijiet li tresqu sabiex ikunu membri tal-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (23).

## 8. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

8.1. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi pjan għal Triq Ġdida fi Triq l-Indipendenza. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li din it-triq hija waħda minn dawk it-toroq li Transport Malta dejjem ikkommettiet ruħa li tagħmilha. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien se jagħmel pressjoni fuq Transport Malta sabiex din tqabbad lill-istess kuntrattur imqabbad mill-Kunsill biex jaħdem fi Triq l-Indipendenza ħalli jagħmel din it-triq ukoll.

8.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi pjan għal Triq 12 ta' Mejju. Is-Sindku Alfred Grixti qal li parti minn din it-triq kienet taqa' fil-kampanja u hija parti minn proġett ħafna ikbar u ħolistiku li huwa nkarigat minnu l-Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku talab li l-Perit jiġi nfurmat bir-rapport li jrid isir.

8.3. Il-Kunsillier Philip Said ressaq talba sabiex isiru *parking bays* fi Triq Baruni V. Azzopardi.

8.4. Il-Kunsillier Philip Said talab li jiżdiedu l-*yellow lines* fi Triq il-Knisja fejn hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu.

8.5. Il-Kunsillier Philip Said talab li jiżdiedu *garbage bins* ħdejn il-Knisja tad-Duluri.

8.6. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet kopja tal-*job description* u l-kuntratt tal-Project Manager. Is-Segretarju spjega li ċċekja dwar din it-talba u filwaqt li jista jgħaddi kopja tal-*job description*, minħabba raġunijiet ta' *data protection* il-kuntratt tista' tarah biss imma ma tieħux kopji tiegħu.

8.7. Il-Kunsillier George Cortis talab li jinbidel il-bank tal-*bus shelter* tal-pjazza.

8.8. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li huwa kien ġab żewġ ikliet sponsored mingħand id-Dolmen u s-San Antonio għall-artist li kien se jipparteċipa fin-Nightfest.

8.9. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li kellu laqgħa oħra tas-sottokumitat tiegħu u spjega li bħala sottokumitat talbu li jagħmlu laqgħa maż-Żebbuġ Business Association.

8.10. Il-Kunsillier George Cortis ressaq proposta sabiex isir tisbieħ fil-kantuniera bejn Triq Fra Ferd Mattei u Triq Profs. Daniel Callus. Il-Kunsillier Cortis qal li huwa kien qiegħed joffri li l-istatwetta u l-pedistall jagħmilhom huwa b' mod volontarju. Il-Kunsillier Philip Said issekonda lill-Kunsillier Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (24).

8.11. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li l-Kunsill għal kollox isib flus barra għall-anzjani. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li huwa kien talab lill-Kunsilliera Sammut biex tressaq il-programm ta' ħidma tagħha u hekk ikun jista' jiġi determinat l-infieq relatat u mbagħad il-Kunsill ikun f' pożizzjoni li jieħu deċiżjoni dwar dan. Is-Sindku spjega li dan il-programm ta' ħidma tressaq ftit jiem qabel allura x-xogħol fuqu ma setgħax jibda qabel.

8.12.1 Il-Viċi Sindku Thomas Agius qara mozzjoni li huwa ressaq sabiex Triq Ġdida fi Triq Mikiel Ang Sapiano tissemma' għal Frans Sammut.

8.12.2 Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li hi u l-familja joġġezzjonaw fuq din il-proposta.

8.12.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-ismijiet tat-toroq jissemmew mill-Kummissjoni Elettorali fuq talba tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li din it-triq partikolari kien hemm diġa qbil li tissemma għal Pinu Mifsud. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li kien hemm madwar 12 il-triq li kienu bla isem u l-Kunsillier Philip Said ġie delegat mill-Kunsill li sabiex iressaq proposti għal ismijiet ta' toroq u dawn ġew approvati mill-Kunsill u l-isem ta' Frans Sammut kien propju wieħed minnhom.

8.13.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna lill-Kunsilliera fuq il-ħidma li kienet qed issir dwar l-attività tan-Nightfest. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li kienet qed issir ħidma kbira sabiex din l-attività ssir b' mod li tiffinanzja lilha nfisha. Huwa fakkar mill-bidu taas-sena 'l hawn kienu n[abru aktar minn €70,000 f' reklamar, sponsorships u barter agreements (tpartit) mas-settur privat.

8.13.2. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li ġie avviċinat mis-sur Tonio Bonello tal-RTK sabiex isir ġbir għad-Dar tal-Providenza waqt din l-attività, u fid-dawl ta' dan intlaħaq ftehim sabiex huma jipprovdu pubbliċità b' xejn fuq l-RTK filwaqt li l-Kunsill se jippermetti li d-Dar tal-Providenza permezz tal-scouts ta' Ħaż-Żebbuġ jiġbru donazzjonijiet waqt l-attività biex b' hekk l-attività ma jkolliex biss l-għan ta' intratteniment imma wkoll wieħed filantropiku.

8.14. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf kemm ġej jiswa n-Nightfest. L-*Events u l-Marketing Co-ordinator* wieġeb li dan kien ġej jiswa madwar €24,000 li kollha kienu se jiġu koperti mis-settur privat.

8.15. Is-Sindku Alfred Grixti u l-Viċi Sindku taw rendikont ta' laqgħa li saret mas-Supretendent u l-istabilimenti kummerċjali tal-pjazza dwar il-festa.

8.16. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 5 ta' Lulju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fl-10.25pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |